ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

**Minuti 4**

**Laqgħa tal-Eżekuttiv Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 4**

**It-Tlieta, 16 ta' Jannar 2018**

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ltaqgħet fl-Uffiċju Amministrattiv tagħha li jinsab fl-indirizz Bini Gvern Lokali, il-Marsa, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Isabella Testaferrata De Noto – Segretarja Eżekuttiva

Minuti

## 4.1 Approvazzjoni tal-Minuti

**4.1.1** Il-President talab li fid-dawl li l-minuti ġew ippreżentati waqt l-istess Laqgħa, dan l-item ġie sospiż u l-minuti jiġu approvati fil-Laqgha li jmiss. Il-Viċi President Chev. Farrugia issekonda u l-Eżekuttiv qabel.

## 4.2 Segretarju Eżekuttiv – Vot ta' Sfiduċja

**4.2.1** Il-President għadda biex irrefera għal-Laqgħa preċidenti fejn hu ta spjegazzjoni dettaljata għalfejn il-pożizzjoni ta' Snr. Isabella Testaferra De Noto bħala s-Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni m'għadiex tenibbli u l-istess raġunijiet waslu biex hu tilef il-fiduċja fis-Segretarja. Huwa irrefera wkoll għal-Laqgħa li saret fit-12 ta' Diċembru bejn is-Sur Aquilina, is-Sur Fenech Adam u l-impjegati tal-Assoċjazzjoni fejn ħareġ biċ-ċar u kien hemm qbil li is-Segretarja kellha tagħti r-reżenja tagħha biex ma jittieħdux passi dixxiplinarji fil-konfront tagħha. Huwa kompla jgħid li minkejja kull tentattiv li għamel permezz ta' terżi persuni inkluż, fosthom u mhux biss; is-Sur Jesmomd Aquilina, is-Sur Michael Fenech u l-President tal-Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi din baqgħet tinjora din it-talba. Spjega wkoll li tul dawn l-aħħar xahar bgħat diversi emails lis-Segretarja biex taqdi d-doveri tagħha bħal tranżazzjonijiet bankarji u oħrajn, li wkoll injorathom. Huwa ikkonkluda li dan kollu kompla saħħaħ il-fehma tiegħu li l-aġir tas-Segretarja mhuwiex aċċettabbli u m'għandiex tibqa' tokkupa il-karriga ta' Segretarja Eżekuttiva tal-Assoċjazzjoni, għaldaqstant huwa talab li jittieħed il-vot. F' dan l-istadju il-Viċi President Dr. Azzopardi staqsa jekk din hijiex deċiżjoni finali u l-President wieġeb li hu lest jikkonsidra b' sinjal ta' rieda tajba li jittermina l-kuntratt u jitħallas in-notice sħiħa lis-Segretarja mingħajr ma jittieħdu l-ebda passi dixxpilinarji. Dan għaliex jekk jittieħdu passi dixxiplinarji ma tkunx intitolata b' mod awtomatiku għat-tliet xhur notice li hemm fil-kuntratt.

**4.2.2** Hawnhekk il-Laqgħa ġiet sospiża għal stadju ta' Kummitat fejn is-Segretarja inagħtat iċ-ċans fejn iċċempel biex tieħu parir dwar din il-proposta. Meta reġgħet bdiet il-Laqgħa, s-Segretarja qalet li hi mhux ser titfa r-riżejna tagħha għax ma tkunx tista' tirreġistra u għax tispiċċa barra mill-pool tas-Segretarji. Il-President spjega li s-Segretarja tilfet id-dritt tal-pool meta telqet mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar u ħadet

il-kariga tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni. Huwa tenna li fid-dawl li l-kuntratt xorta waħda ser jiskadi f' Mejju li ġej, bil-proposta li qed jagħmel hu, hi ser tkun qed titħallas sa April 2018. Għaldaqstant b'dan l-arranġament li jiġi itterminat il-kuntratt mingħajr passi disxxiplinarji, l-Assoċjazzjoni qed timxi bl-aktar mod uman mas-Segretarja Eżekuttiva filwaqt ukoll li tħares l-interessi tagħha. Hawn il-president talab li l-vot ta' sfiduċja jinbidel f' terminazzjoni tal- kuntratt. Il-Viċi-Presidenti, Dr. Azzopardi u Chev. Farrugia issekondaw u l-vot għadda b' mod unanimu.

**4.2.3** Aġġornament, peress li t-terminazzjoni tal-kuntratt kienet b' effett immedjat, il-Laqgħa ma setgħetx tkompli mingħajr Segretarju għalhekk aġġornat għal-24 ta' Jannar 2018.

Dawn il-minuti ġew approvati fir-raba' laqgħa tat-Tmien Leġislatura li saret il-Ħamis, 24 ta' Jannar 2018.

**Mario Pava**

**President**